TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 168/13/F

**Constantin Petronel Moldovan**

**vs**

**Visual & Sound Communications Ltd. - Exotique**

Illum 25 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mija u disgħa w sebgħin ewro, u disgħa w disgħin ċenteżmi (€379.99), rappreżentanti prezz ta' Netbook li xtara mingħand is-soċjeta' ntimata u li ma ssewwiex.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara Netbook mingħand is-soċjeta' ntimata f'April 2011 u wara ftit xhur kellu xi problemi fil-*keyboard*. Dan in-Netbook dam diversi xhur għand is-soċjeta' ntimata peress li kien bil-garanzija u tawh *keyboard* ġdid. Illi wara ftit reġa' bil-problemi u reġa' ħadu għat-tiswija għand is-soċjeta' ntimata għax ma setax juża dan in-Netbook.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' ntimata kienet għadha ma bagħtitx risposta bil-miktub, u għaldaqstant mhux qed tikkontesta t-talba.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi n-Netbook jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888